# Tribunal Industrijali

## Deċiżjoni Preliminari Nru. 2693

**Każ Nru : 3574/ET**

**Fit-Tilwima tax-xogħol**

**bejn**

**Air Malta plc**

**u**

**Association of Airline Operations Controllers (Malta) (AAOC)**

**u**

**General Workers' Union (GWU)**

*dwar: illi t-Tribunal Industrijali għandu jiddeċidi lil min il-Kumpanija Airmalta plc għandha tagħti għarfien trejdunjonistiku ewlieni, jekk hux lil General Workers Union jew lil Association of Airlilne Operations Controllers (Malta), sabiex jirrappreżentaw lil-Airline Operations Controllers ta' Air Malta plc għall-fini ta' negozjar kollettiv. Għalhekk ukoll jiġi determinat jekk l-Airline Operations Controllers ta' Air Malta plc għandhomx jitqiesu bħala a separate collective bargaining unit.*

***Chairman*: Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A.(Hons), Dip. Mgt**

**Membri: Is-Sinjura Antoinette Caruana**
**Is-Sur Chris Attard**

Introduzzjoni:

Dan il-każ ġie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' komunikat mill-Ministru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza, Dr. Helena Dalli, fil-21 ta' Lulju 2017, rigward Tilwima Industrijali li kienet inħolqot bejn il-kumpanija Air Malta plc kontra l-Association of Airline Operations Controllers (Malta)(AAOC) u l-GWU. Dak iż-żmien kien kiteb lil Ministru, l-Avukat ta' l-Air Malta plc., l-Avv. Robert Abela. Din it-tilwima qed tiġi riferuta quddiem it-Tribunal Industrijali għat-tieni darba. Għall informazzjoni l-ewwel Tribunal kien iddeċida fl-4 ta' April 2017 meta laqgħa eċċezzjoni li kien inqabeż l-istadju ta' konċiljazzjoni u għaldaqstant it-Tribunal waqaf jisma' l-każ u bagħtu quddiem id-Direttur tax-xogħol għall-konċiljazzjoni.

Għat tieni darba dan it-Tribunal ha jwassal biex jieħu deċiżjoni preliminari għal l-eċċezzjoni miġjuba mill-AAOC permezz ta l-Avukat tagħha Dr. Ian Spiteri Bailey meta fl-14 ta' Settembru 2017 iddikjarat b'mod preliminarju l-insostenibilita' ta' din l-azzjoni u l-irritwalita' fil-proċedura, tant illi dan it-Tribunal m' għandux jieħu konjizzjoni ta' din il-proċedura u għandu jastjeni minnha għax il-materja' in-kwistjoni diġa ġiet deċiża skont il-Ligi b'deċiżjoni tad-DIER fis-27 ta' Ġunju 2017 fejn ġie ddikjarat illi l-AAOC għandha aktar minn ħamsin fil-mija (50%) ta' l-impjegati konċernati bħala membri tagħha u allura għandha tingħata rikonoxximent skont il-Ligi. Illi din il-Ligi Sussidjarja 45 2.112 qegħda bil-ħsieb li *'These regulations regulate the award and revocation of the recognitions of a union, as the sole collective bargaining union at the place of work'.*

Illi r-regolamenti tal-Ligi Sussidjarja ma jagħmlu ebda distinzjoni jew esklużjoni u minn imkien ma jirriżulta mill-istess Ligi li l-leġislatur ried jagħmel xi forma ta' esklużjoni jew oħra. Illi meta d-DIER, bis-sahha tal-Ligi tat ordni, allura s-soċjeta rikorrenti, bin-nuqqas tagħha li tirrikonoxxi lil AAOC u bl-aġir tagħha li tressaq dan il-każ quddiem it-Tribunal Industrijali mingħajr ma' tagħti rikonoxximent, qeghda fis-stat ta' ksur tal-Ligi u nuqqas ta' osservanza tad-deċizjoni tad-DIER meħuda skond il-Ligi.

Għaldaqstant huwa f'dan il-kuntest illi dan it-Tribunal se jkun qed jużurpa l-poteri mogħtija bil-Ligi lid-DIER jekk jisma' u jiddeċidi dan il-każ. Ghalhekk dan it-Tribunal qiegħed in linea preliminari, jiġi mitlub jastjeni milli jiddeċiedi sentenza li diġa ġiet deċiża mid-DIER bil-poteri tal-Ligi msemmija.

Minn naħa tagħha permezz ta' l-Avukat Aron Mifsud Bonnici, il-GWU kienet iddikjarat illi tirrapreżenta l-*general work force* tal- kumpanija Air Malta plc u li

dawn il-ħaddiema huma koperti bi ftehim kollettiv negozjat f'isimhom mill-GWU. Illi t-tilwima tikkonċerna dawk il-ħaddiema li huma jissejħu flight operations officers u li jaqgħu taħt Grupp 16 ta' l-imsemmi ftehim kollettiv. Illi GWU kienet parteċipi f'diskussjonijiet ma' l-Air Malta plc li wasslu biex il-flight operations officers bdew jissejħu *opertaions controllers* bi ftehim datat 8 ta' Novembru,  2010. Peress li l-ftehim kollettiv mhux konkluż, l-isem il-ġdid ma jidhirx imma huwa ċar li *operations controllers* kienu u għadhom *'collective agreement grade'.*

Illi l-*operations controllers* ma ġewx *regraded* fl-2014 għax huma ġew diġa fl-2010 meta appuntu saru *operations controllers*.

Meta l-GWU waslitilha l-informazzjoni li l-*operations controllers* kienu qed jitħallsu b'rati barra mill l-iskali maqbula u ntalbet stqarrija, l-Air Malta plc stqarret li l-AAOC kienet talbet rikonoxximent ta' din il-kategorija ta' ħaddiema.

Il-GWU sostniet li ma hemmx lok li l-*operations controllers* jitqiesu bħala *collective bargaining unit* separat mil-bqija tal-*general workforce* u għaldaqstant l-AAOC ma tistax titlob rikonoxximent f'kategorija iżolata li ma tikkostitwix *collective bargaining unit separate* u distint mill-grupp ġenerali rappreżentat mill-GWU.

Provi

F'dawn il-proċeduri xehdu: Alexandra Gatt – Director Industrial & Employment Relations; Roberto Cristiano – Chief Officer People and Performance Air Malta plc; Ronald Butler – President AAOC; Sandro Vella – Segretarju Marittimu u Avvjazzjoni,GWU u Josef Bugeja – Segretarju Generali GWU. Ġew esebiti ukoll diversi  dokumenti.

Kunsiderazzjonijiet

Dan it-Tribunal għandu biex jikkonsidra jekk għandux jieħu konjizzjoni ta' din il-proċedura jew għandux jastjeni minnha għax il-materja in-kwistjoni ġiet deċiża skont il-Ligi b'deċiżjoni tad-DIER fis-27 ta' Ġunju 2017.

Dan it-Tribunal fela u studja d-dikjarazzjonijiet tal-każ, l-Ligi relatata, ix-xhieda, il-provi u dokument miġjuba flimkien ma t-trattazzjonijiet finali u kkunsidra kif ġej.

Bħala s-soċjeta rikorrenti l-Air Malta plc ħadet pożżizzjoni newtrali. Illi kien ikun opprtun li fl-ispirtu ta l-artiklu 4.2 tal- LS 452.112 l-*management* tas -socjeta, fil-hin li saret it-talba ghar rikonoxximent, ha pozizzjoni fuq il-kwistjoni.

Kif spjegat fid-dikjarazzjonijiet tal-każ l-AAOC sostniet illi dan it-Tribunal m' għandux jieħu konjizzjoni ta' din il-proċedura u għandu jastjeni minnha, għax il-materja diġa ġiet deċiża skont il-Ligi b'deċiżjoni tad-DIER tas-27 ta' Ġunju 2017 b' termini tal-Ligi Sussidjarja 452.112 fejn iddikjarat illi l-AAOC għandhom aktar minn ħamsin fil-mija (50%) tal-impjegati kkonċernati bħala membri tagħha u allura għandha tingħata rikonoxximent skont il-Ligi.

Fit-trattazzjoni finali l-AAOC permezz ta' Dr. Ian Spiteri Bailey, saħqet prinċipalment li dan it-Tribunal m' għandux jieħu konjezzjoni ta' din il-proċedura u għandu jastjeni għaliex din il-materja diġa ġiet deċiża skont il-Ligi. Illi l-ordni ta' awtorita (DIER) li bil-Ligi għandha s-setgħa li tagħti ordni ta' rikonoxximent, din l-ordni mhux qed tiġi segwita. Ordni li ma ġietx ikkontestata.

Il-GWU, ukoll fid-dikjarazzjoni, sostniet illi tirrappreżenta l-*general workforce* u kienet hi li ddiskutiet u laħqet ftehim biex il-*flight operations* saru *operations controllers* u li huwa car li dawn ghandhom '*Colletive Agreement Grade'*.

Illi l-GWU sostniet li m' hemmx lok li l-*operations controllers* jitqiesu bħala *collective bargaining unit* separat u l-AAOC ma tistax titlob rikonoxximent f' kategorija iżolata.

Fit-trattazzjoni finali l-GWU, permezz ta' l-Avukat Aron Misfud Bonnici ma qablitx li t-Tribunal m' għandux jidħol fil-kwistjoni u allura għandu jastjeni. Illi qabel il-kwistjoni marret għal verifika ħadt ma ddetermina illi l-grupp ta' *Operations Controller* ma kellux jimmerita a *separate collective bargaining unit*, għax ukoll mhux aġir san li jkollok frammentazzjoni fuq il-post tax-xogħol. Illi dan ukoll ġie kkonfermat fix-xhieda tas-Sur Josef Bugeja, Segretarju Ġenerali tal-GWU li tkellem mill-esperjenza twila tiegħu. L-Avv.. Aron Mifsud Bonnici sostna illi l-Ligi ma tagħtix lok għal frammentazzjoni u allura l-Ligi ma tippermettiehx.

Il-GWU kompliet Illi ma jeżisti l-ebda *'test'* dwar xi jkun *a collective bargaining unit*. Illi materja bħal din tista' twassal għal abbuz għax grupp ta' ħaddiema

jmorru għand id-Direttur tax-Xogħol u dan kemm jagħmel verifika. Illi hawn għandu jitħol is-sens komun u l-logika. Illi d-Direttur tax-xogħol sabet ruħha f'sitwazzjoni diffiċli u qalet illi l-partijiet għandhom kull dritt jieħdu l-passi meħtieġa rigward negozjar kollettiv, iżda ddeċidiet bla preġudizzju billi rrikonoxxiet lil AAOC. Il-GWU ma rrikonoxxietx lil AAOC u l-Air Malta plc irreferiet il-każ lit-Tribunal. Finalment il-GWU sostniet li l-AAOC m'humiex *a separate collective bargaining unit* u li l-GWU għandha tibqa l-Union rikonoxxuta għalijhom.

Dan it-Tribunal analizza u wiżen il-fatti, provi, ix-xhieda u d-dokumenti ppreżentati flimkien mal-Ligi bl-akbar reqqa. It-Tribunal Industrijali huwa regolat mill-Ligi bħal kull Tribunal ieħor u hawnhekk għandna każ fejn ittieħdet deċiżjoni permezz ta' poteri li tagħti l-istess Ligi li tirregola t-Tribunal.

Il-proċess li wassal għad deċiżjoni tad-Direttur tax-xogħol kien wieħed skond il-Ligi, għalkemm il-Ligi preżenti jidher li tista tiġi mtejjba kif dan it-Tribunal ħa jirrimarka fid-deċiżjoni.

It-Tribunal jidhirlu wkoll li bid-deċiżjoni meħuda mid-DIER is-soċjeta rikorrenti mhux se tkun taffaċja xi sitwazzjoni unika u ġdida għax ġa qed tesperjenza *separate collective bargaining units* rikonoxxuti fi ħdana. Dan it-Tribunal qed jenfażizzah għax fid-dover tiegħu jzomm il-paċi ndustrijali ġo post tax-xogħol, iżda jara wkoll li l-ispirtu demokratiku li tagħti l-Ligi jinżamm.

<u>Deċiżjoni</u>

Dan it-Tribunal qed jiddeċiedi l-insostenibilita'  u l-irritwalita fil-proċedura u illi għaldaqstant mhux qed jieħu konjizzjoni tagħha u qed jastjeni minnha u allura qed jilqa l-eċċezzjoni.

Ir-responsabilita'  ta' dan it-Tribunal tkompli billi tirrakkomanda bil-qawwa u b' mod spedit li jsiru tibdiliet u/jew addendums fil-Ligi preżenti ħalli l-materja rigwardanti tiġi speċifikata, definita u bi kriterji uffiċjali.

B’ hekk tintemm din it-Tilwima tax-xogħol.

Illum : 7 ta’ Jannar, 2021

| | | |
|---|---|---|
| ft/Edmund Tabone<br>*Chairman* | ft/Antoinette Caruana<br>*Membru* | ft/Chris Attard<br>*Membru* |

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja